

RIŻOLUZZJONI (UE) 2018/2074 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-24 ta' Ottubru 2018****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2016,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0299/2018),
- A. billi l-istituzzjonijiet deċentralizzati kollha tal-Unjoni għandhom ikunu trasparenti u jagħtu rendikont sħiħ liċ-ċittadini tal-Unjoni għall-fondi fdati lilhom bħala korpi tal-Unjoni;
- B. billi r-rwol tal-Parlament fir-rigward tal-kwittanza baġitarja huwa speċifikat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u fir-Regolament Finanzjarju kif ukoll fir-Regolament Finanzjarju Strutturali;
1. Jissottolinja l-importanza ta' azzjoni responsabbli, b'sens ta' responsabbiltà u trasparenza, u skont ir-regoli u r-regolamenti rilevanti kollha, fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
 2. Ifakkar fir-rwol tal-Parlament fil-proċedura ta' kwittanza, kif regolat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mir-Regolament Finanzjarju u mir-Regoli ta' Proċedura tiegħu;
 3. Jilqa' l-fatt li d-deċiżjoni inizjali tat-18 ta' April 2018 li tipposponi l-kwittanza wasslet għall-miżuri korrettivi qawwija meħuda mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, mill-Bord Maniġerjali u mid-Direttur Eżekuttiv *ad interim* il-ġdid tal-Uffiċċju;
 4. Jirrikonoxxi li, apparti t-tlestija tal-investigazzjoni tal-OLAF kontra t-tmexxija preċedenti tal-Uffiċċju, il-miżuri korrettivi meħuda offrew rispons parzjali għar-riżervi ppreżentati mill-Parlament fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 li tipposponi l-kwittanza;

L-investigazzjoni li għadha għaddejjha mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

5. Ifakkar il-fatt li l-investigazzjoni tal-OLAF li għadha għaddejjha bħalissa tikkonċerna diversi membri, kemm preċedenti kif ukoll attwali, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ("l-Uffiċċju") li kienu jokkupaw jew li għadhom jokkupaw karigi maniġerjali għolja jew medji;
6. Jinnota b'apprezzament id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Uffiċċju tas-6 ta' Ġunju 2018 li jirrilaxxa lid-Direttur Eżekuttiv minn dmirijietu b'effett immedjat; jilqa' bi pjaċir il-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv *ad interim*, li mhuwiex soġġet għall-investigazzjoni tal-OLAF; jiddispijaċih, madankollu, li l-Bord ta' Tmexxija ma ħax din l-azzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess ħafna aktar kmieni fil-proċess, fatt li kien jevita d-dewmien fil-proċedura ta' kwittanza;
7. Jilqa' l-azzjoni li diġà ttehdet mid-Direttur Eżekuttiv *ad interim* biex tittejjeb l-istruttura ta' tmexxija tal-Uffiċċju, titreġġa' lura t-trasparenza u terġa' tinbena l-fiduċja; jissottolinja l-importanza tal-ġlieda kontra n-nuqqasijiet fil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li nstabu preċedentement; jistieden lill-Uffiċċju jħejji pjan direzzjonali komprensiv u dettaljat li jindika t-triq 'il quddiem; barra minn hekk, jappella lill-Uffiċċju f'dan ir-rigward biex jinkludi fil-pjan direzzjonali proġett ċar biex tiġi rrestawrata l-fiduċja fit-tmexxija, speċjalment b'kunsiderazzjoni tal-fatt li tmexxija kompetenti u effettiva hija fundamentali fid-dawl tal-isfidi li l-Uffiċċju qed iħabbat wiċċu magħhom b'mod ġenerali, u b'mod partikolari, biex jiġi żgurat li r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ġadd sinifikanti ta' persunal ġdid previst għall-2018 u l-2019 jkunu ta' tali livell li l-Uffiċċju se jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu persunal motivat sew u ta' kwalità għolja u li se jkun hemm inqas ċaqliq ta' persunal, biex b'hekk jinżamm l-għarfien u l-esperjenza miksuba;
8. Jistieden lill-OLAF jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu tal-investigazzjoni hekk kif din tingħalaq;
9. Jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jintegra s-sejbiet mir-rapport tal-OLAF fir-rapport ta' kwittanza tal-Uffiċċju għall-2017 u, biex b'hekk jiżgura li jiġu implimentati bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet il-ġodda possibbli lill-Uffiċċju;

Bażi għal opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom

10. Ifakkar fis-sejbiet materjali li għamlet il-Qorti tal-Awdituri (“il-Qorti”) fir-rigward ta’ żewġ proċeduri ta’ akkwist sinifikanti minn ħamsa mill-2016, li l-pagamenti għalihom saru matul dik is-sena, u li jindikaw in-nuqqas ta’ rigorożità fil-proċeduri ta’ akkwist tal-Uffiċċju;
11. Jistenna li jittieħdu l-azzjonijiet kollha possibbli biex jiġu rkuprati l-pagamenti irregolari mis-sena baġitarja 2016: EUR 920 561 (proċedura ta’ akkwist għall-forniment ta’ servizzi tal-ivvjaġġar) u EUR 592 273 (kuntratt qafas għal servizzi *interim* bħala appoġġ għar-rispons tal-Uffiċċju għall-kriżi tal-migrazzjoni);
12. Jibqa’ mħasseb dwar l-iżvilupp tal-ispejjeż ta’ rimborż tal-ivvjaġġar; jinnota li fl-2014, ġew rimborżati EUR 997 506, fl-2015 ir-rimborżi kienu jammontaw għal EUR 987 515 u fl-2016 ir-rimborżi kienu jammontaw għal EUR 1 012 147; jinnota li l-partiċipanti li jaqgħu fil-kategorija A għandhom kompiti speċifiċi x’jissodisfaw matul il-laqgħat; jinnota t-tnaqqis tar-rimborżi tal-kategorija A, li waqgħu minn 69 % fl-2014 għal 52 % fl-2015 u għal 37 % fl-2016; jinsab imħasseb dwar id-diskrepanza evidenti bejn iż-żieda fl-ammont ta’ xogħol għall-Uffiċċju u l-livell aktar baxx ta’ partiċipanti fil-kategorija-A; jissottolinja li ż-żieda fir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u t-tnaqqis ta’ persuni tal-kategorija-A preżenti tista’ tindika skema ta’ rimborż arbitrarja;
13. Jinnota, għal darb’oħra, li l-programm ta’ ħidma tal-Uffiċċju jinkludi l-attivitajiet ta’ appoġġ operazzjonali tiegħu f’“hotspots” f’xi Stati Membri; jissottolinja l-importanza ta’ din l-attività u jenfasizza l-konsegwenzi usa’ għall-Unjoni kollha jekk il-kompiti ma jiġux ippjanati, immaniġġjati u eżegwiti kif suppost; iħeġġeġ bil-qawwa lill-persunal tal-Uffiċċju biex jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu b’mod xieraq fir-rigward ta’ kwistjonijiet amministrattivi u ta’ xogħol fuq il-post;
14. Jiddispijaċih għall-ħsara li saret lill-immaġni tal-Uffiċċju minħabba l-iżbalji li nstabu fil-proċeduri ta’ akkwist imsemmija aktar kmieni; itenni li l-kontroll effettiv jista’ jiġi żgurat biss meta jkun hemm trasparenza sħiħa f’dawn il-proċeduri;
15. Jilqa’ l-pjanijiet ta’ azzjoni mfassla mill-Uffiċċju biex jinstab rimedju għall-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti, b’mod partikolari:
 - il-proċedura ta’ akkwist għall-għoti ta’ servizzi tal-ivvjaġġar (l-Aġenzija tal-Ivvjaġġar FCM) ġiet sostitwita bi proċedura miftuħa għall-offerti li ġiet iffinalizzata u li wasslet għall-konklużjoni ta’ kuntratt ġdid;
 - il-kuntratt qafas għal servizzi *interim* fil-Greċja (Randstad) ġie sostitwit bi proċedura miftuħa għall-offerti li ġiet iffinalizzata u li wasslet għall-konklużjoni ta’ kuntratt ġdid;
16. Jilqa’ bi pjaċir il-miżuri meħuda mill-Uffiċċju biex isaħħaħ il-proċeduri ta’ akkwist, b’mod partikolari ż-żieda ta’ persunal f’karigi għoljin u ta’ persunal ta’ appoġġ addizzjonali fis-settur tal-akkwist;
17. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta’ natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta’ April 2018 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(¹) ĠUL 248, 3.10.2018, p. 393.